MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 2564/1997/1

**Assuero Gauci**

**vs**

**Maria Gauci**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 10 ta' Novembru 1997 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fit-30 ta' Settembru 1956 (ara dokument "AG1");

Illi l-konvenuta rrendiet ruhha hatja fil-konfront ta' l-attur ta' mohqrija, minacci, sevizzi, ngurji gravi u theddid b'mod li l-hajja konjugali bejniethom tkissret b'mod irrimedjabbli.

Illi permezz ta’ digriet numru 1184/97 datati l-14 ta’ Ottubru 1997 l-attur gie awtorizzat mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili biex jipprocedi bl-istanti kontra l-konvenuta (ara dokument “AG2”);

Illi l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan ghal tortijiet unikament imputabbli ghall-konvenuta;

2. Tapplika kontra l-konvenuta l-komminazzjonijiet kollha, sa fejn applikabbli, kif previsti mill-**artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta,** inkluz li ddekadiet mid-drittijiet successorji li talvolta jista’ jkollha kontra l-attur;

3. Tiddikjara in partikolari li l-konvenuta ddekadiet minn kull dritt li tippercepixxi manteniment minghand l-attur;

4. Tillikwida u xxolji l-komunjoni tal-akkwisti u okkorrendo b’opera ta’ periti nominandi, tiddividiha f’zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali, u *ope sententia* tassenja porzjoni lill-attur u ohra lill-konvenuta;

Bl-ispejjez u bil-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 8 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta tas-27 ta’ Novembru 1993 a fol. 13 u 14 fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talba tal-attur ghal dikjarazzjoni ta’ separazzjoni personali m’ghandhiex tigi milqugha peress illi m’ghandhiex tirrizulta r-raguni hemm indikata fil-premessi;

2. Illi per konsegwenza ghalhekk lanqas it-talbiet segwenti ma ghandhom jigu milqugha;

3. Illi f'kaz li jirrizulta li l-hajja konjugali flimkien ma ghadhiex aktar possibbli u z-zwieg ikun tkisser b'mod irrimedjabbli dana ghandu jigi mputat ghall-agir esklussiv tal-attur *stante* li ghandu jirrizulta li l-eccipjenta ma ghandha ebda htija ghall-istess;

4. Illi fi kwalunkwe kaz it-tieni u t-tielet talba ma ghandhomx jigu applikati fil-konfront ta' l-eccipjenta *stante* li ma jirrizultawx l-elementi u l-kawzali rikjesti fil-ligi u dana kif *del resto* jidher ukoll mill-istess premessi ta' l-attur.

5. Illi dwar ir-raba' u l-ahhar talba ta' l-attur, filwaqt li l-eccipjenta tirrimetti ruhha rigward it-talba ghax-xoljiment u dana in vista tal-eccezzjonijiet premessi, tirrileva li fi kwalunkwe kaz l-eventwali qasma ta' l-istess komunjoni ghandha ssir b'mod ugwali bejn il-kontendenti.

6. B'riserva li jigu prezentati eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez kontra l-attur li minn issa qed jigi ngunt biex jidher personalment ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 14 u 15 tal-process.

Rat il-verbali tal-11 ta' Marzu 1999 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Deborah Huber bhala Assistenta Gudizzjarja biex tigbor il-provi; tal-21 ta' Gunju 1999; tal-10 ta' Jannar 2000; u tal-15 ta' Mejju 2000.

Rat ir-rikors tal-attur datat 30 ta' Mejju 2000 fejn talab li jigi awtorizzat jipproduci zewg xhieda, Alexander u Victor Galea.

Rat ir-risposta tal-konvenuta tal-20 ta' Settembru 2000, u d-digriet tal-Qorti tal-24 ta' Ottubru 2000 fejn irriservat li tipprovdi dwar l-istess fis-seduta li sussegwenti.

Rat in-nota tal-attur datata 27 ta' Gunju 2000 li permezz taghha esebixxa l-affidavits ta' Josephine Magro u ta' Victor Magro.

Rat in-nota tal-konvenuta tal-5 ta' Lulju 2000 fejn biha rriservat id-dritt tal-kontro-ezami tal-istess zewg xhieda tal-attur, il-konjugi Josephine u Victor Magro.

Rat il-verbali tat-13 ta' Novembru 2000; u tat-23 t'April 2001.

Rat ir-rikors tal-attur datat 11 ta' Mejju 2001, u r-risposta tal-konvenuta tat-22 t'Awissu 2001.

Rat il-verbali tat-8 t'Ottubru 2001; tas-6 ta' Novembru 2001; tas-6 ta' Marzu 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta; tad-29 ta' Mejju 2002 fejn il-Qorti ordnat lill-Assistenta Gudizzjarja biex tiffissa tliet seduti ghall-provi kollha attrici, wara liema seduti l-provi seduti jigu dikjarati maghluqa; u tas-6 ta' Novembru 2002 fejn inghata digriet affidavit tal-attur b'terminu ta' tletin (30) gurnata.  Il-Qorti ordnat lill-Assistenta Gudizzjarja sabiex wara tali terminu tiffissa tliet seduti ghall-konkluzjoni provi attrici.  Inghata digriet affidavit tal-konvenuta b'terminu ta' tletin (30) gurnata liema terminu jibda minn wara d-data tal-ahhar seduta attrici.

Rat ir-rikors tal-attur datat 27 ta' Novembru 2002 fejn talab li jigi awtorizzat iressaq bhala xhud tieghu lil Alexander Galea.

Rat ir-risposta tal-konvenuta tas-27 ta' Dicembru 2002 u d-digriet sussegwenti tal-Qorti tas-6 ta' Jannar 2003 fejn laqghat it-talba.

Rat in-nota tal-attur tal-25 ta' Frar 2003 li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu stess u xi dokumenti.

Rat il-verbali tas-7 ta' Mejju 2003; tat-22 ta' Mejju 2003 fejn Dr. Raphael Fenech Adami ghall-konvenuta esebixxa kopja ta' decizjoni fuq l-alimenti.  Fuq talba tad-difensuri l-Qorti pprefiggiet terminu ta' hamsin (50) gurnata lill-attur biex jipprezenta nota t'osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu l-istess terminu biex

jirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta’ Frar 2004.

Rat in-nota t’osservazzjonijiet tal-attur datata 24 ta’ Settembru 2003 u dik responsiva tal-konvenuta tal-1 t’Ottubru 2003.

Rat is-seduti minnha mizmuma mill-Assistenta Gudizzjarja, ix-xhieda hemm moghtija u d-dokumenti hemm esebiti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza fejn l-attur qed jallega li hemm lok ta’ dikjarazzjoni ta’ separazzjoni personali minhabba li l-konvenuta rrendiet ruhha hatja fil-konfront tieghu ta’ mohqrija, minacci, sevizzi, ingurji gravi u theddid b’mod li l-hajja konjugali ta’ bejniethom tkissret b’mod irrimedjabbli.

Illi fin-nota ta’ sottomissjoni tieghu l-attur fl-ahhar tal-argumenti tieghu dwar responsabbilta’ ghal tali firda minnu rikjesta jghid *“irrizulta li x-xewqa tal-attur hija primarjament li tigi xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u dan minghajr in-necessita’ li tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet”.*

Illi l-konvenuta fin-nota t’osservazzjonijiet taghha kwazi qed targumenta li tali dikjarazzjoni tista’ tammonta ghal rinunzja tal-ewwel talba attrici, pero’ fic-cirkostanzi u tenut kont ta’ dak fuq citat fin-nota t’osservazzjonijiet tal-attur, din anke mehuda fil-komplessivita’ taghha, din il-Qorti ma thossx li dan huwa l-kaz.

Illi mill-ezami tal-provi prodotti jirrizulta li anke sforz l-eta’ tal-partijiet f’din il-kawza l-fiducja ta’ bejniethom spiccat ghal kollox, anke kawza tal-intervent inkonsiljat ta’ familjari tal-partijiet. Fic-cirkostanzi thoss li hemm lok li tigi ppronunzjata li l-firda personali bejn il-partijiet kemm

minhabba eccessi *da parte* tal-kontendenti rispettivament fil-konfront ta' xulxin, u kemm ukoll minhabba l-fatt li l-hajja flimkien bhala konjugi m'ghadhiex aktar possibbli ghax iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet li b'hekk qed jigu ddikjarati li huma t-tnejn responsabbli ghal dan it-tkissir taz-zwieg, skond kif provdut fit-tieni parti tal-**artikolu 40 tal-Kap 16**.

Illi meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-eta' anzjana tal-partijiet ma thossx li t-tieni talba attrici ghandha tigi milqugha *in toto*, hlief ghal dak previst fl-**artikolu 48 (1) (a) u (b)** tal-istess, u dan fil-konfront taz-zewg partijiet.   Illi rigward it-tielet talba din ghandha tigi michuda *stante* li d-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 48 (1) (d)** m'ghandhomx jigu applikati fil-konfront tal-konvenuta.  F'dan il-kuntest u rigward manteniment li l-attur huwa tenut li jissoministra lill-konvenuta, il-Qorti tirreferi ghas-sentenza bejn il-partijiet fl-ismijiet **"Maria Gauci mart Assuero vs Assuero Gauci"** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-14 ta' Lulju 2000 (PA (NA) – Cit Nru 170/97/NA) u l-Qorti tikkonferma l-istess.

Illi rigward ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti din il-Qorti tordna li l-fond matrimonjali 17, Fort Street, Mosta, ghandu jibqa' in komun bejn il-partijiet, u minhabba c-cirkostanzi partikolari tal-kaz ghandu jibqa' kkonsidrat bhala l-fond matrimonjali tal-istess tul il-hajja ta' kull wiehed mill-partijiet odjerni.

Illi l-fond l-iehor 19, Fort Street, Mosta, ghandu jinbiegh in subbasta u r-rikavat tal-istess ghandu jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet, u sakemm isehh dan il-bejgh il-kera tal-istess fond imhallsa minn terzi ghandha tinqasam bin-nofs bejn il-partijiet.

Illi rigward l-effetti mobbli li jinsabu fl-istess dar matrimonjali u li jinsabu elenkati fl-affidavit tal-attur min-numru 1 sa 11 a fol. 60 tal-process, dawn ghandhom jibqghu in komunjoni bejn il-partijiet b'dan li kull parti ghandha taghmel uzu mill-istess mobbli tul hajjitha kif fil-fatt il-kontendenti qeghdin effettivament jaghmlu.

Illi apparti dan jirrizulta li l-kontijiet bankarji li kienu ezistenti fil-komunjoni tal-akkwisti li sa Mejju 1985 kienu jlahhqu ghal Lm967 mal-H.S.B.C. gew zbankati kollha mill-konvenuta, u dan jirrizulta mix-xhieda ta' Edmond Fenech rapprezentant tal-H.S.B.C. datata 29 t'Ottubru 2002, u dan apparti depoziti bankarji ohra li ghalihom qed issir referenza u kollha gew indikati fix-xhieda tar-rapprezentant tal-Bank BOV plc li wkoll gew irtirati biss unikament mill-konvenuta. Illi *arbitrio boni viri* din il-Qorti tillikwida l-ammont ta' erba' mija u hamsin lira Maltija (Lm450) bhala s-somma li l-konvenuta ghandha thallas lill-attur per saldu ta' sehmu mill-istess kontijiet, liema somma ghandha tithallas mir-rivakat tal-bejgh in subasta tal-fond 19, Fort Street, Mosta fuq ordnat.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta in kwantu l-istess huma b'xi mod kontrastanti jew inkompatibbli ma' dak hawn deciz, u fil-waqt li **tichad it-tielet talba attrici, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra kollha** biss fis-sens hawn deciz, b'dan illi:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet, kif fuq indikat, kemm minhabba eccessi *da parte* tal-kontendenti rispettivament fil-konfront ta' xulxin, u kemm ukoll minhabba l-fatt li l-hajja flimkien bhala konjugi m'ghadhiex aktar possibbli ghax iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment skond kif provdut fit-tieni parti tal-**artikolu 40 tal-Kap 16**.

2. Tilqa' biss *in parte* t-tieni talba attrici u dan biss fis-sens li tapplika kontra zewg partijiet d-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 48 (1) (a) u (b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

3. Tichad din it-talba *stante* li d-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 48 (1) (d)** m'ghandhomx jigu applikati fil-konfront tal-konvenuta. F'dan il-kuntest u rigward manteniment li l-attur huwa tenut li jissomministra lill-konvenuta, il-Qorti tirreferi ghas-sentenza bejn il-partijiet fl-ismijiet **"Maria Gauci mart Assuero vs Assuero Gauci"** deciza minn

din il-Qorti diversament presjeduta fl-14 ta' Lulju 2000 (PA (NA) – Cit Nru 170/97/NA) u l-Qorti tikkonferma l-istess.

4. Tilqa' r-raba' (4) talba u tiddikjara x-xoljiment tal-komunjioni tal-akkwisti b'effett mid-data ta' din is-sentenza b'dan pero' li l-fond matrimonjali 17, Fort Street, Mosta, ghandu jibqa' possedut in komun bejn il-partijiet, u minhabba c-cirkostanzi partikolari tal-kaz ghandu jibqa' kkonsidrat bhala l-fond matrimonjali tal-istess tul il-hajja ta' kull wiehed mill-partijiet odjerni. Illi fir-rigward ta' l-effetti mobbli li jinsabu fl-istess dar matrimonjali u li jinsabu elenkati fl-affidavit tal-attur min-numri 1 sa 11 a fol. 60 tal-process, dawn ghandhom jibqghu wkoll posseduti in komun bejn il-partijiet b'dan li kull parti ghandha taghmel uzu mill-istess mobbli tul hajjitha kif fil-fatt il-kontendenti qeghdin effettivament jaghmlu.

Illi min-naha l-ohra l-fond l-iehor 19, Fort Street, Mosta, ghandu jinbiegh in subbasta u r-rikavat tal-istess l-ewwel ghandu jithallas l-attur is-somma ta' erba' mija u hamsin lira Maltin (Lm450) rapprezentanti sehem l-istess attur mid-depoziti bankarji zbankati mill-konvenuta kif fuq premess u l-bilanc mir-rikavat tal-istess bejgh ghandu jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet, u b'dan ukoll li sakemm isehh dan il-bejgh il-kera tal-istess fond imhallsa minn terzi ghandha tinqasam wkoll bin-nofs bejn il-partijiet.

Bl-ispejjez kollha jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------